MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

**Seduta tat-11 ta' Ottubru, 2019**

Rikors Maħluf Numru 846/19LM

**Zahra Block Ltd (C30782)**

***vs.***

**Stronghold Construction Ltd (C88607)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Maħluf ippreżentat fil-5 ta' Settembru, 2019 mis-soċjetà attriċi **Zahra Blocks Ltd** (C30782), (minn issa 'l quddiem "is-soċjetà attriċi"), li jgħid:

> *Illi s-soċjetà r-rikorrenti tforni materjal tal-kostruzzjoni lill diversi kuntratturi u individwi fuq talba tagħhom stess, li fosthom hemm is-soċjetà intimata Stronghold Construction Ltd;*

*Illi s-soċjetà Stronghold Construction Ltd huma debituri tas-soċjetà rikorrenti fl-ammont ta' tnejn u erbgħin elf sebgħa mija tlieta u disgħin euro tmienja u għoxrin ċenteżmu (€42,793.28), bilanċ minn somma akbar, rappreżentanti ħlas dovut għall-prodotti u materjali mogħtija lis-soċjetà intimata mir-rikorrenti.*

*Illi minkejja illi s-soċjetà intimata kienet diversi drabi* (recte) *interpellata sabiex tħallas hija baqgħat inadempjenti.*

*Illi mid-dokumenti annessi jirrizulta bl-aktar mod ampju u ċar li s-soċjetà intimata hija debitrici tas-soċjetà r-rikorrenti. Li fost id-dokumenti annessi hemm bank cheques tas-soċjetà intimata, mogħtija lis-soċjetà rikorrenti mill-azzjonist ewlieni u rappreżentat tas-soċjetà intimata, cioe Stefan Gajic, liema bank cheques l-bank ma setax isarrafhom.*

*Illi għalhekk s-soċjetà r-rikorrenti għanda d-dritt illi teżiġi li titħallas s-somma ta` tnejn u erbgħin elf sebgħa mija tlieta u disgħin euro tmienja u għoxrin ċenteżmu (€42,793.28), u dan apparti l-imgħaxijiet relativi;*

*Illi fl-opinjoni tas-soċjetà rikorrenti dan id-debitu huwa ċert likwidu u dovut u fl-opinjoni tas-soċjetà rikorrenti s-soċjetà intimati ma għandhomx eċċezzjonijiet x'jagħtu u għalhekk il-kawża tista` tiġi deċiża abbażi tal-artikolu 167 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*Tgħid għalhekk is-soċjetà intimata għaliex din il-Qorti m'għandhiex:*

> *[1] taqta' u tiddeċiedi l-kawża abbażi tal-artikolu 167 tal-Kapitolu 12 u cioe bid-dispensa tas-smigħ;*
>
> *[2] tiddikjara lis-soċjetà intimata bħala debitriċi tas-soċjetà rikorrenti fis-somma ta' tnejn u erbgħin elf sebgħa mija tlieta u disgħin euro tmienja u għoxrin ċenteżmu (€42,793.28), jew somma oħra verjuri;*
>
> *[3] tiddikjara u tordna lis-soċjetà intimata jħallsu lis-soċjetà rikorrenti s-somma ta' tnejn u erbgħin elf sebgħa mija tlieta u disgħin euro tmienja u għoxrin ċenteżmu (€42,793.28), hekk likwidata. Kollox skont kif ġie dikjarat aktar 'l fuq u għar-raġunijiet premessi.*

*Bl-imgħax u bl-ispejjeż kontra s-soċjetà intimata li minn issa r-rappreżentanti tagħha jibqgħu inġunti għas-subizzjoni tagħhom.*

Rat id-digriet tagħha tal-11 ta' Settembru, 2019, fejn wara li rat l-artikoli 167 *et seq.* tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, appuntat il-kawża għas-seduta tat-2 ta' Ottubru, 2019.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti mill-atturi.

Rat il-verbal tal-udjenza tat-2 ta' Ottubru, 2019 fejn il-kawża tħalliet għas-seduta tal-lum għas-sentenza.

Għad li s-soċjetà konvenuta kienet debitament notifikata bir-Rikors Maħluf, ma deher ħadd biex jirrappreżentaha u ma deher ħadd għaliha waqt l-udjenza tat-2 ta' Ottubru, 2019 biex jgħid jekk din għandhiex eċċezzjonijiet xi tressaq.

Waqt l-udjenza tat-2 ta' Ottubru, 2019 semgħet ix-xhieda ta' Pauline Caruana[1], rappreżentanta tas-soċjetà attriċi, li qalet bil-ġurament tagħha li fil-mori tal-kawża s-soċjetà konvenuta kienet effettwat pagament ta' għaxart elef Euro (€10,000) akkont tal-bilanċ dovut minnha lis-soċjetà attriċi u għalhekk il-bilanċ dovut li fadal x'jitħallas mis-soċjetà konvenuta huwa ta' tnejn u tletin elf, seba' mija u tlieta u disgħin Euro u tmienja u għoxrin ċenteżmu (€32,793.28).

[1] *A fol.* 13 tal-proċess.

Wara li s-soċjetà konvenuta baqgħet ma ġabitx raguni biex topponi għat-talbiet tas-soċjetà attriċi, il-Qorti, wara li rat l-artikoli 167 *et sequitur* tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, tqis illi għandha tgħaddi biex tippronunzja ruħha dwar l-imsemmija talbiet tas-soċjetà attriċi bid-dispensa tas-smigħ.

Illi għaldaqstant din il-Qorti hija sodisfatta li s-soċjetà attriċi ppruvat il-każ tagħha skont il-liġi.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi l-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:**

**1. Tilqa' l-ewwel talba u taqta' l-kawża bid-dispensa tas-smigħ a tenur tal-artikolu 167 *et sequitur* tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;**

**2. Tilqa' t-tieni talba u tiddikjara lis-soċjetà konvenuta bħala debitriċi tas-soċjetà attriċi fis-somma ta' tnejn u tletin elf, seba' mija u tlieta u disgħin Euro u tmienja u għoxrin ċenteżmu (€32,793,28);**

**3. Tikkundanna lis-soċjetà konvenuta sabiex tħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' tnejn u tletin elf, seba' mija u tlieta u disgħin Euro u tmienja u għoxrin ċenteżmu (€32,793,28), hekk likwidata.**

**Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali mid-data ta' din is-sentenza sad-data tal-pagament effettiv, kontra s-soċjetà konvenuta.**

Moqrija.